MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/1997/1

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**Joseph Mizzi personalment u bhala likwidatur in rapprezentanza tas-socjeta` "Ta' Lambert Company Limited"**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' l-istess Joseph Mizzi proprio et nomine tad-29 ta' Settembru 1997 .

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni .

Rat l-atti l-oħra tar-Rikors, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tar-rikorrent .

Ikkunsidrat :

Illi din hija proċedura taħt l-artiklu 466 tal-Kap.12 fejn ir-rikorrent qed jikkontesta titolu eżekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni dwar l-ammont indikat fir-Rikors .

F'dan ir-Rikors tiegħu Joseph Mizzi jsemmi diversi raġunijiet għaliex jidhirlu li m'għandhux Iħallas l-ammont mitlub . L-ittra uffiċċjali li biha l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni fittex li jikseb titolu esekuttiv tirrigwarda kont għat-taxxa tad-dħul tal-kumpanija "Ta' Lambert Company Limited" għas-snin, 1986, 1987, 1988 u 1989 . Irriżulta illi f'dawk is-snin din il-kumpanija ma kienitx tiffunzjona u ma jidhirx li kellha ebda dħul . Infatti ngħad illi din qatt ma ħadmet għax ma rnexxiliex tikseb il-permessi relattivi biex tibda topera n-negozju li kien bi ħsiebha tagħmel u fil-fatt għaddiet in likwidazzjoni, bir-rikorrent Joseph Mizzi jiġi nominat bħala stralċjarju . Minkejja illi b'dan kollu ġie nfurmat id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, meta d-diriġenti tagħha ġew mitluba jibgħatu r-*returns* relattivi tat-taxxa, xorta waħda inħarġulha *best of judgements assessments*, għax baqgħet ma ssottomettietx dawn ir-*returns* . Madankollu il-kumpanija naqset li tappella minn dawn l-*assessments* fiż-żmien stipulat għax ma kellhiex il-fondi meħtieġa biex tagħmel dan .

Il-Kummissarju issa qed ifittex li jiġbor l-ammonti ndikati f'dawn il-*best of judgement assessments* mingħand ir-rikorrent Mizzi personalment, presumibilment minħabba illi kien direttur ta' din il-kumpanija, kif ukoll fil-funzjoni tiegħu ta' likwidatur tagħha . Pero', kif tajjeb jissottometti r-rikorrent fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, kumpanija kummerċjali għandha l-personalita' ġuridika distinta tagħha,[1] u l-unika ċirkustanza fejn persuna fiżika tista'

[1] Art. 4(4) tal-Kap. 386 .

titqiegħed responsabbli għall-azzjonijiet tal-kumpanija, hija fejn ikun hemm każ ta' kummerċ bi frodi[2].

Imbagħad taht l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, jeżistu biss żewġ okkazjonijiet fejn persuna fiżika tista' tinżamm responsabbli għall-ħlas tat-taxxi dovuti mill-kumpanija, u dawn huma :

1. meta *manager* jew funzjonarju prinċipali ieħor ikollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi proprjeta' tal-kumpanija li setgħet tintuża biex titħallas it-taxxa li tkun dak lż-żmien dovuta, dan ikun suġġett għall-ħlas personalment u *in solidum* ma' kull persuna oħra responsabbli għaliha ; u
meta likwidatur tagħha jqassam xi attiv tal-kumpanija lill-azzjonisti tagħha mingħajr ma jkun ipprovda għall-ħlas tat-taxxa li jkun jaf biha jew li jista' raġonevolment jistenna li għandha titħallas mill-kumpanija, dan ukoll ikun suġġett personalment u *in solidum* ma' kull persuna oħra responsabbli għaliha[3] .

Fil-każ inżami jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, illi d-Dipartiment m'għandu l-ebda prova jew indizju illi kienu jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmja f'dan l-artikolu meta inħarġet l-ittra uffiċċjali in kontestazzjoni, fil-konfront tar-rikorrent proprio et nomine[4].

Għalhekk ġialadarba ma ġiex ippruvat sodisfaċentement illi Joseph Mizzi, jew bħala direttur tal-kumpanija in kwistjoni, kellu xi proprjeta' tal-kumpanija li minnha setgħet titħallas xi taxxa, jew li bħala likwidatur qassam xi attiv tal-kumpanija lill-azzjonisti mingħajr ma pprovda għat-taxxa li setgħet kienet dovuta, ma jibqa' ebda ġustifikazzjoni għaliex dan il-ħlas intalab mingħandu, la bħala direttur u lanqas bħala likwidatur .

Għal dawn il-motivi, peress illi l-kontestazzjoni tar-rikorrent ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 1997 spedita kontra tiegħu fil-kwalitajiet premessi, tirriżulta ġustifikata,

[2] art. 315 (1) tal-kap. 386 .
[3] art. 7 tal-kap. 372 .
[4] ara depożizzjoni ta' Angelo Azzopardi a fol. 28 tal-process .

tiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bħala nfondata u konsegwentement mhux esegwibbli taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12 .

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni."

L-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hu hekk impustat. Gjaladarba l-ammont ta' taxxa, li dwaru saret l-interpellazzjoni ghall-hlas kien wiehed finali u konkluziv dan ma setax aktar jigi mpunjat. Dan l-assunt ta' l-appellant hu bazat fuq is-sottomissjoni illi l-oggezzjoni dwaru, fit-termini ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kienet giet rifjutata u l-ebda appell minn dan ir-rifjut ma gie konsegwit mill-appellat fit-termini tal-ligi;

Fir-risposta tieghu l-appellat Joseph Mizzi jissottometti dan li gej:-

(1) In linea preliminari, l-irritwalita` - nullita` ta' l-appell. Dan ghal raguni illi l-appellant ma ressaq ebda gravam mis-sustanza tad-decizjoni imma ttratta kwestjoni li dwarha ma saret ebda diskussjoni fis-sentenza. F' dan l-istess kuntest gie sottomess li jekk l-appellant deherlu li l-ewwel Qorti halliet xi parti barra mid-decizjoni hu kien messu adotta l-procedura "*ab omessa decisione*" a tenur ta' l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12;

(2) Una volta t-talba fil-konfront tieghu saret a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 hu kellu kull dritt jagixxi b' opposizzjoni kontra din it-talba;

(3) Anke jekk l-ittra ufficcjali da parte tal-Kummissarju saret in konsegwenza tal-proceduri skond il-Kapitolu 372, xorta wahda ma kien hemm xejn x' josta milli hu jikkontesta l-interprellazzjoni in bazi ghall-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 ghax tali dispost hu wiehed generiku;

(4) Skond il-Kapitolu 372 stima hi finali dwar l-ammont ta' taxxa prefiss. Is-sentenza appellata ma

kkolpietx dan l-ammont izda ddeterminat biss min kien, jew ma kienx, responsabbli ghall-hlas;

(5) F' kull kaz, l-istima tal-Kummissarju giet iffissata arbitrarjament u bla ebda gustifikazzjoni;

Riprodott l-aggravju u r-risposta elaborata ghalih, huwa wisq evidenti illi din il-Qorti jehtiegilha tinvesti l-eccezzjoni procedurali ta' l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell, anke ghaliex, jekk din tirrizulta fondata, ma jkunx hemm htiega li l-Qorti tinoltra ruhha fuq is-sottomissjonijiet l-ohra;

Preordinatament ghal dan l-istharrig, ikun opportun li jigu qabel xejn esposti t-talbiet oppozitorji ghall-att ezekuttiv li taghmel l-ittra ufficcjali spedita mill-Kummissarju appellant. Permezz taghhom l-appellat *proprio et nomine* oppona ruhu ghat-talba domandanti l-hlas in bazi ghas-segwenti motivi:-

(a) Proceduralment, it-talba ma kienetx wahda valida biex il-Kummissarju jivvanta titolu esekuttiv;

(b) L-ammont reklamat gie arbitrarjament iffissat;

(c) Hu, personalment, ma kienx responsabbli ghall-hlas tat-taxxa reklamat;

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rragunat li gjaladarba ma ngiebet ebda prova biex issostni fil-konkret l-provvediment ta' l-Artikolu 7 (2) u (3) tal-Kapitolu 372, l-appellat personalment ma setax jigi ritenut responsabbli ghall-hlas tat-taxxa. Konsegwentement, ghaddiet biex tikkonkludi illi l-ittra ufficcjali ma kienetx esegwibbli taht l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 di fronte ghall-appellat fil-kwalitajiet premessi f' dak l-att gudizzjarju;

Dan premess, jibda biex jigi osservat illi ritwalment, l-appell lil din il-Qorti ghandu jikkonsisti f' talba li permezz

taghha l-parti sokkombenti tirrimetti in diskussjoni l-oggett tas-sentenza attakkata. L-ewwel dover ta’ din il-Qorti ta’ revizjoni hu dak, allura, li tinterpreta s-sentenza ta’ l-ewwel tribunal. F’ dan il-kuntest, naturalment, irid jinzamm prezenti mhux biss u sempliciment dak statwit formalment fid-dispositiv imma wkoll l-enuncjazzjonijiet kontenuti fil-motivazzjoni, in kwantu dawn ukoll jikkostitwixxu l-premessi logici u guridici tad-decizjoni. Ara f’ dan is-sens id-decizjonijiet a **Vol. XXIV P I p 157**, **Vol. XXX P I p 131** u **Vol. XLII P I p 287**, fost hafna ohrajn;

Minn dan jikkonsegwi li l-impunjattiva esperibbli kontra s-sentenza trid, b’ necessita logika, issir b’ riferiment esklusiv ghall-azzjoni jew procedura proposta kif din tkun giet kompjuta mill-ewwel Qorti fil-gudizzju taghha. Minn ezami tas-sentenza jirrizulta li r-*res controversa* li fuqha ssofermat il-Qorti ta’ l-ewwel grad kienet dik dwar jekk l-appellat kienx il-kontradittur legittimu tad-domanda ghall-hlas persegwita mill-Kummissarju appellant u xejn aktar;

Issa hu minnu li fl-opposizzjoni tieghu ghall-att ezekuttiv konsegwit bl-ittra ufficcjali l-appellat igib ‘il quddiem talbiet anke koinvolgenti accertamenti ta’ irregolaritajiet ritwali, oltre dawk ta’ gravam fis-sustanza tas-somma reklamata. Eppure, mill-korp tas-sentenza jidher bil-wisq evidenti illi l-ewwel Qorti ipprestat attenzjoni esklusiva lit-tielet talba ta’ l-appellat prospettanti lezjoni tal-kontradittorju. Dan fis-sens fejn jghid li hu, fil-veste interpellat, ma kienx responsabbli ghall-hlas;

L-ewwel Qorti ezaminat dik it-talba taht il-profil tar-*ratio legis* fl-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 kif ukoll fl-Artikoli 7 (2) u (3) tal-Kapitolu 372, interpretat ix-xhieda ta’ Angelo Azzopardi (fol. 24) *qua* rapprezentant tal-Kummissarju appellant u ghaddiet biex takkorda lill-appellat dik it-tutela reklamata minnu b’ opposizzjoni ghall-att ezekuttiv. Kien dan l-oggett tal-pronunzjament allura li l-Kummissarju, bl-appell tieghu, kellu jgib in diskussjoni quddiem din il-Qorti u mhux xi kontestazzjoni ohra li dwarha dak l-istess pronunzjament ma ittrattax u ma rrizolviex. Hu kellu, b’

logika procedurali, jipproponi motivi specifici fl-impunjattiva tas-sentenza u mhux jirriproponi l-istess eccezzjoni tieghu li dwarha l-ewwel Qorti ma approfondietx. Irid jinghad hawn illi hu ferm ovvju illi dik il-Qorti, filwaqt li kkonstatat illi ma kienx sar appell skond il-precetti tal-ligi fiskali, iddeterminat imbaghad il-vertenza quddiemha fl-ambitu tal-provvedimenti applikabbli skond l-istess ligi fiskali specjali biex irrizolviet il-kwestjoni tar-responsabilita`, o meno, tal-hlas tat-taxxa;

Maghdud dan, ghandu jinghad in parentesi illi din il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjoni ta' l-appellat bir-riferenza li jaghmel ghall-proceduri *ab omessa decisione*. Dan ghaliex procedura bhal din hi utilment prospettata biss fil-kaz ta' mankanza ta' decizjoni mill-gudikant ta' xi domanda li, ritwalment proposta, tirrikjedi pronunzja ta' akkoljiment jew ta' rigett. Il-ligi, ex-Artikolu 235 Kapitolu 12, hi ben kjara fuq dan il-punt. Jinsab ad ezempju ritenut illi "l-procedura ta' reklam *ab omessa decisione* tirriferixxi ghal kazijiet li tithalla barra mis-sentenza xi wahda mit-talbiet proposti, u ghalhekk mhix applikabbli meta t-tribunal jommetti li jiddeciedi b' kap separat l-eccezzjoni …" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 80**);

Dan precizat, anke kieku kellha din il-Qorti tokkupa ruhha mill-aggravju sottomess, ikollu jinghad illi l-interpellazzjoni ghall-hlas tat-taxxa, bhala kontraddistinta mill-ammont iffissat skond *best of judgement assessment*, kienet soggetta ghar-ri-ezami permezz ta' opposizzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12. Fil-fehma taghha, din il-Qorti tara li hi haga fl-interpellazzjoni l-ispecifikazzjoni tas-somma dovuta u hi haga ohra l-inezatta indikazzjoni ta' min kien responsabbli ghall-hlas taghha. Din kienet ragonevolment tikkwalifika ghall-opposizzjoni da parti ta' l-ezekutat fuq l-assunt illi d-domanda ghall-hlas kienet tiddifetta minhabba inidonjeta tal-persuna intiza bhala debitur ta' dak il-hlas. Ma hemm xejn eskluz mil-ligi, li jaghmel din il-procedura oppozitorja inapplikabbli fil-kaz ta' ezekuzzjoni ezattorjali tas-somma dovuta bhala *fisco* fejn din tkun konsegwita b' interpellazzjoni ufficcjali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------